



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Strasburgu, 14 ta' Ġunju 2017
(OR. en)**

**2016/0145 (COD)
LEX 1740**

**PE-CONS 11/1/17
REV 1**

**PECHE 71
CODEC 261**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI JIDDEFINIXXI L-KARATTERISTIĊI TAL-BASTIMENTI TAS-SAJD (RIFORMULAZZJONI)**

Regolament (UE) 2017/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

tal-14 ta' Ġunju 2017

**li jiddefinixxi l-karatteristiċi tal-bastimenti tas-sajd
(riformulazzjoni)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ ĠU C 34, 2.2.2017, p. 140.

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' April 2017 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċizzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2017.

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86¹ ġie emendat² b'mod sostanzjali. Peress li ser ikun hemm aktar emendi, jenħtieġ li dak ir-Regolament ikun riformulat għal iktar ċarezza.
- (2) Fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd, issir referenza għall-karatteristiċi tal-bastimenti tas-sajd, bħal tul, wisa', tunnellaġġ, data tad-dħul fis-servizz u qawwa tal-magna.
- (3) Huwa essenzjali li jintużaw regoli identiċi biex ikunu ddeterminati l-karatteristiċi tal-bastimenti tas-sajd sabiex ikunu unifikati l-kondizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-attività fl-Unjoni. Jenħtieġ li daww ir-regoli jkunu konformi mal-istandards tal-Politika Komuni tas-Sajd.
- (4) Id-definizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu bbażati fuq inizzjattivi diġà meħuda minn organizzazzjonijiet internazzjonali speċjalizzati.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li jittieħed kont tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sajd u l-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Ibħra Miftuħa, iffirmata f'Ġinevra fid-29 ta' April 1958, tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kejl tat-Tunnellaġġ tal-Bastimenti, iffirmata f'Londra fit-23 ta' Ġunju 1969 (il-“Konvenzjoni tal-1969”) u l-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sikurezza tal-Bastimenti tas-Sajd, iffirmata f'Torremolinos fit-2 ta' April 1977.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 tat-22 ta' Settembru 1986 li jiddefinixxi l-karatteristiċi tad-dgħajjes tas-sajd (ĠU L 274, 25.9.1986, p. 1).

² Ara l-Anness II.

- (6) Għal bastimenti tas-sajd b'tul globali ta' inqas minn 15-il metru, il-metodoloġija stabbilita fl-Anness I tal-Konvenzjoni tal-1969 mhijiex adatta f'ċerti każijiet. Għaldaqstant, għal dawk il-bastimenti hija mixtieqa definizzjoni iktar sempliċi tat-tunnellaġġ gross.
- (7) L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) ħejjiet normi dwar il-magni b'kumbustjoni interna li huma użati estensivament fl-Istati Membri.
- (8) Sabiex tiġi adattata r-referenza għall-Istandard Internazzjonali rilevanti tal-ISO li jistabbilixxi r-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-qawwa kontinwa tal-magnagħall-progress tekniku, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-emendi meħtieġa għar-referenza għall-Istandard Internazzjonali rilevanti tal-ISO. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni jkollha konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Artikolu 1
Dispożizzjoni ġenerali

Id-definizzjonijiet tal-karatteristiċi tal-bastimenti tas-sajd stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw għar-regoli kollha tal-Unjoni f'dak li jirrigwarda s-sajd.

Artikolu 2
Tul

1. It-tul ta' bastiment għandu jkun it-tul globali, definit bħala d-distanza f'linja dritta bejn il-parti l-aktar 'il quddiem tal-pruwa u l-parti l-aktar warranija tal-poppa.

Għall-iskopijiet ta' din id-definizzjoni:

- (a) il-pruwa għandha tinftiehem li tinkludi l-istruttura tal-qafas li ma jgħaddix ilma minnha, il-kastru tal-pruwa, il-pruwa u l-murata ta' quddiem, jekk imwahnha, imma għandha teskludi l-pupress u l-ilqugħ tas-sikurezza;
- (b) il-poppa għandha tinftiehem li tinkludi l-istruttura tal-qafas li ma jgħaddix ilma minnha, it-traversa orizzontali, il-pont tal-poppa, ir-rampa tat-tartarun u l-murata, imma għandha teskludi l-ilqugħ tas-sikurezza, il-buttafora, il-makkinarju ta' propulsjoni, it-tmun u l-maniġġ, u s-slielem u l-pjattaformi tal-għaddasa.

It-tul globali għandu jkun imkejjel bil-metri u b'eżattezza ta' żewġ deċimali.

2. Meta ssir referenza għat-tul bejn il-perpendikulari fil-leġislazzjoni tal-Unjoni, dan bħala d-distanza mkejla bejn il-perpendikulari ta' quddiem u ta' wara kif definiti bil-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sikurezza tal-Bastimenti tas-Sajd.

It-tul bejn il-perpendikulari għandu jkun imkejjel bil-metri u b'eżattezza ta' żewġ deċimali.

Artikolu 3

Wisa'

Il-wisa' ta' bastiment għandu jkun il-wisa' massimu kif definit fl-Anness I tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Kejl tat-Tunnellaġġ tal-Bastimenti (il-“Konvenzjoni tal-1969”).

Il-wisa' globali għandu jkun imkejjel bil-metri u b'eżattezza ta' żewġ deċimali.

Artikolu 4

Tunnellaġġ

1. It-tunnellaġġ gross tal-bastimenti tas-sajd b'tul globali ugwali għal 15-il metru jew iktar għandu jitkejjel kif speċifikat fl-Anness I tal-Konvenzjoni tal-1969.
2. It-tunnellaġġ gross tal-bastimenti tas-sajd b'tul globali ta' inqas minn 15-il metru għandu jitkejjel skont il-formola pprovduta fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.
3. Meta ssir referenza għat-tunnellaġġ nett fir-regoli tal-Unjoni, dan għandu jkun definit kif speċifikat fl-Anness I tal-Konvenzjoni tal-1969.

Artikolu 5

Qawwa tal-magna

1. Il-qawwa tal-magna għandha tkun it-total tal-qawwa kontinwa massima li tista' tkun akkwistata fir-rota tal-volant ta' kull magna u li tista', b'mezzi mekkaniċi, elettriċi, idroliċi jew mezzi oħra, tkun applikata għall-propulsjoni tal-bastiment. B'danakollu, fejn il-kaxxa tal-ingranar tkun inkorporata fil-magna, il-qawwa għandha tkun imkejla fil-ħanek tal-kaxxa tal-ingranar.

L-ebda tnaqqis m'għandu jsir għal xi magni awżiljarji li jkunu mmexxija mill-magna.

L-unità li biha tkun espressa l-qawwa tal-magna għandha tkun il-kilowatt (kW).
2. Il-qawwa kontinwa tal-magna għandha tkun determinata skont ir-rekwiżiti adottati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni fl-Istandard Internazzjonali rakkomandat tagħha ISO 3046/1, it-tieni edizzjoni, Ottubru 1981.
3. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 7 dwar l-emenda tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu sabiex tadatta r-referenza għall-Istandard Internazzjonali rilevanti tal-ISO għall-progress tekniku.

Artikolu 6

Data tad-dħul fis-servizz

Id-data tad-dħul fis-servizz għandha tkun id-data tal-ewwel ħruġ ta' ċertifikat uffiċjali ta' sikurezza.

Minkejja l-ewwel paragrafu, id-data tad-dħul fis-servizz għandha tkun id-data tal-ewwel dħul f'reġistru uffiċjali tal-bastimenti tas-sajd:

- (a) jekk ċertifikat uffiċjali ta' sikurezza ma jkunx inħareġ; jew
- (b) fil-każ ta' bastimenti tas-sajd li jkunu daħlu fis-servizz qabel l-1 ta' Diċembru 1986.

Artikolu 7

L-eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 5(3) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 5(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrinjogġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 8

Tħassir

Ir-Regolament (KEE) Nru 2930/86 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehemu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness III.

Artikolu 9
Dispożizzjonijiet finali

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

Bastimenti ġodda b'tul globali ta' inqas minn 15 -il metru

It-tunnellaġġ gross tal-bastimenti tas-sajd ġodda b'tul globali ta' inqas minn 15-il metru huwa definit b'hekk:

$$GT = K_1 \cdot V$$

fejn: $K_1 = 0,2 + 0,02 \log_{10} V$

u V huwa l-volum, mogħti bi:

$$V = a_1(L_{oa} \cdot B_1 \cdot T_1)$$

fejn:

L_{oa} = it-tul globali (Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament)

B_1 = il-wisa' f'metri skont il-Konvenzjoni tal-1969

T_1 = il-fond f'metri skont il-Konvenzjoni tal-1969

a_1 = funzjoni ta' L_{oa}

Bastimenti b'tul globali ta' inqas minn 15-il metru eżistenti fl-1 ta' Jannar 1995

It-tunnellaġġ gross tal-bastimenti tas-sajd eżistenti fl-1 ta' Jannar 1995 b'tul globali ta' inqas minn 15-il metru huwa definit bħala:

$$GT = K_1 \cdot V$$

fejn V huwa l-volum, mogħti bi:

$$V = a_2(L_{oa} \cdot B_1 \cdot T_1)$$

fejn:

L_{oa} = it-tul globali (Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament)

B_1 = il-wisa' f' metri skont il-Konvenzjoni tal-1969

T_1 = il-fond f' metri skont il-Konvenzjoni tal-1969

a_2 = funzjoni ta' L_{oa}

Il-funzjonijiet a_1 u a_2 għandhom ikunu ffissati fuq il-bażi tal-analizzijiet statistiċi tal-kampjuni rappreżentattivi magħquda flimkien tal-flotot tal-Istati Membri. Dawn għandhom jiġu speċifikati flimkien mad-definizzjonijiet tad-dimensjonijiet B_1 u T_1 u mar-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-formoli f'deċiżjoni tal-Kummissjoni.

ANNEX II

Ir-Regolament imħassar flimkien mal-emenda tiegħu

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86

(ĠU L 274, 25.9.1986, p. 1)

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3259/94

(ĠU L 339, 29.12.1994, p. 11)

ANNEX III

Tabella Ta' Korrelazzjoni

Regolament (KEE) Nru 2930/86	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4(1)(a)	—
Artikolu 4(1)(b)	Artikolu 4(1)
Artikolu 4(1)(c)	Artikolu 4(2)
Artikolu 4(1)(d)	—
Artikolu 4(1)(e)	—
Artikolu 4(2)	Artikolu 4(3)
Artikolu 5	Artikolu 5
Artikolu 6	Artikolu 6
—	Artikolu 7
—	Artikolu 8
Artikolu 7(1)	Artikolu 9
Artikolu 7(2)	—
Anness	Anness I
—	Anness II
—	Anness III